**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Mejju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Derren Buhagiar**

**Vs**

**Reginald Bugeja**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Reginald Bugeja ta' 40 sena, iben Paul u Maria Dolores nee' Hole, mwieled Pieta' nhar il-5 ta' Novembru 1972, residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 505272M;

Talli nhar il-5 ta' Mejju 2004, f'xi hin bejn nofsinhar u l-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar, fi Triq l-Gharreqin, Imdina:

1) Ikkommetta serq ta' diversi ghodda fosthom gigger tal-marka 'Metabo', *dynamo machine, tester dryer, brace* tal-marka 'Metabo'u tliet *intercom* kits minn go vettura tal-ghamla *Toyota Hiace* tal-kumpanija Masco Security Services Ltd. Bin-numru tar-registrazzjoni

ABM-918, liema serq hu kkwalifikat bul-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa iktar minn mitejn u tletin euro u erbgha u dighin centezmu (€232.94) izda mhuwiex izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlwtin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Joseph Bartolo min-Naxxar;

2) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontrjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla *Toyota Hiace* bin-numru tar-registrazzjoni ABM-918, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), imma huwa izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad-detriment ta' Joseph Bartolo min-Naxxar;

3) U talli kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta' Settembru 2002;

4) U talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-20 ta' Jannar 2003;

5) U finalment akkuzat talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Pulizija kienet rceviet rapport li nhar il-5 ta' Mejju 2004 bejn 12.00pm u 3.45pm, kienet saret serqa minn go vettura ta' Masco Scurity Systems, li dak il-kin kienet parkeggata fi triq gewwa l-Imdina. L-oggetti li nsterqu mill-vettura, vann tat-tip Toyota Hiace bin-numru ABM 918, kienu ghodda u intercom kits proprjeta' tal-kumpanija li kienet qed taghmel xoghol hemm.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat f'Dicembru 2012 sabiex iwiegeb ghal dan ir-reat li sehh f'Mejju 2004. Il-Pulizija kienet hadet stqarrija lill-imputat fid-19 ta' Novembru, 2012, fejn l-imputat kien ghazel li jwiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu izda ma ffirmahiex, u xahar wara, fid-19 ta' Dicembru, ressqitu fuq dawn l-akkuzi. Ghal xi raguni, wara li tressaq il-Qorti, il-Pulizija hadet stqarrija ohra tal-imputat, fil-21 ta' Marzu, 2013, u cioe' wara li kienet inqrat l-akkuza kontra tieghu w nbdew dawn il-proceduri fit-28 ta' Frar, 2013. F'dik l-istqarrija, hu kien ghazel li ma jwiegebx ghad-domandi.

Illi mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, ma hemm xejn li jorbot lill-imputat ma' dan ir-reat in esami. Apparti z-zewg stqarrijiet imsemmija, gie prodott bhala xhud Joseph Bartolo, sid il-vettura in kwistjoni, ghan-nom ta' Masco Security Systems, li kkonferma li kienu nsterqu numru ta' ghodod u oggetti ohra. Giet esebita wkoll sentenza fil-konfront tal-imputat, datata 20 ta' Jannar 2003, ai finijiet tar-raba' imputazzjoni. Inoltre l-Prosekuzzjoni esebiet "lifters" ta' impronti digitali mehuda minn fuq il-vettura in kwistjoni, liema impronti, pero', ma gew imqabbla ma' xejn. Gew esebiti wkoll "lifters" ohra ta' impronti digitali mehuda minn vettura tat-tip Fiat Punto bin-numru NOQ 018, dwar serq li sar fl-14 ta' April 2005, li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' din il-kawza, u li ghalhekk il-Qorti ser tiskarta.

Fl-ewwel stqarrija tal-imputat, esebita a fol. 46 tal-process u mmarkata bhala Dok. DB2, hu wiegeb li ma jiftakar xejn minn dik is-serqa. La jinnega li kien hu li seraq l-oggetti in kwistjoni, u l-anqas jammetti. Apparti li ma jiftakarx, ighid

ukoll li qatt ma kien seraq oggetti bhal dawk indikati, jigifieri ghodod u intercom kits.

Ghalhekk, fi tminn seduti f'kawza sommarja, il-Prosekuzzjoni esebiet zewg stqarrijiet – li wahda minnhom ittiehdet **wara** li nbdew dawn il-proceduri, u ghalhekk hija inammissibbli – kif ukoll zewg settijiet ta' impronti digitali, li wiehed minnhm m'ghandu x'jaqsam xejn ma' din il-kawza, sentenza fil-konfront tal-imputat, u x-xiehda tad-derubat.

Dawn il-provi wehidhom m'humiex sufficjenti biex tinstab htija fl-imputat. Ma hemm xejn li jorbot lill-imputat ma' dan ir-reat ta' serq, u ghalhekk il-Qorti sejra tilliberah minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 267, 271 u 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah min kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**